**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-Ġimgħa 13 ta' Ottubru 2017**

**Appell Nru: 60/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank A. Tabone )**

**vs**

**Mary Rose Vella**

**Charmaine Vella**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellantiMary Rose Vella, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 12348Gu Charmaine Vella detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 503177M,akkużatiquddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

   Fil-kwalità tagħhom ta' diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rappreżentanti ġuridiċi tas-soċjetà kummerċjali 'All Seasons Holdiays Limited' (C-37825) b'indirizz reġistrat Hotel Xlendi Resort & Spa, St. Simon Street, Xlendi Bay, Munxar (Gozo) Malta u/jew bħala persuna li kienet inkarigata mill-istess soċjeta' kummerċjali sabiex tħallas il-pagi dovuti, naqsu li jħallsu l-pagi, għall-ammont ta'

€750, naqsu li jħallsu il-bonus ammontanti għal €119.60, naqsu li jħallsu l-weekly allowance għall-€51.26, naqsu li jħallsu l-Vacation Leave ammontanti għal €442.85, naqsu li jħallsu l-overtime fl-ammont ta' €2054.37, naqsu li jħallsu il-Festi Pubblici ammontanti għall-€415.44, u naqsu li jħallsu d-differenza tal-kumplament tal-kuntratt fl-ammont ta' €1500 li b'kollox jammontaw għall-hamest elef, tlett mija u tlieta u tletin ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€5333.52) li kienu dovuti lill-ex-impjegat tagħhom, u cioe' lil Christian Saliba fis-17 ta' Gunju, 2012;

Il-Qorti giet mitluba tordna lill-imputati ai termini tal-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 452, u tar-regolament 22 tal-Avviż Legali 247 tal-2003, kif emendat bl-Avviż Legali 427 tal-2007 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tħallas il-penali skond il-liġi, kif ukoll tordna lill-imputata ai termini tal-artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iħallsu lil Christian Saliba l-ammont ta' ħamest elef, tlett mija u tlieta u tletin Ewro u tletin ċenteżmu (€5562.30) għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-27 ta' Jannar, 2015, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Liġi u cioe' l-Artikoli 5, 15 u 45 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputati Mary Rose Vella u Charmaine Vella ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta illiberathom bil-kundizzjoni li ma jagħmlux reat iehor fi żmien sena u ordnat li sa żmien xahar l-imputati Mary Rose Vella u Charmaine Vella, iħallsu lil Christian Saliba is-somma ta' tlett elef, hames mija u erbgħa u hamsin Ewro u seba' u tletin ċenteżmu (€3554.37).

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Mary Rose Vellau Charmaine Vella ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-12ta'Frar, 2016, fejn talbu lil din il-Qortitvarja s-sentenza appellata, billi tikkonfermha fejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta illiberathom bil-kundizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena mid-data tas-sentenza, iżda tvarjha fejn ordnat lill-appellanti jħallsu lil Christian Saliba is-somma ta' ħamest elef tlett mija u tlieta u tletin Ewro u tnejn u hamsin ċenteżmu

(€5333.52) u dana billi tiddikjara li ma hemm ebda ammont dovut li għandu jithallas mill-appellanti lil Christian Saliba.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, semgħet lis-xhieda li ġew prodotti quddiemha, semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti allegati jistgħu jiġu riassuti kif ġej:

L-imputati kellhom impjegat mas-soċjeta' "All Seasons Holidays Limited"lil Christian Salibabħala *accounts clerk*fil-Hotel Xlendi u dan minn Mejju 2011 sas-17 ta' Ġunju 2012. Matul l-impieg tiegħu Saliba ma tħallasx l-ammont ta' €750 bħala pagi, €119.60 bonus, €51.26 *weekly allowance*, €442.85 għall-*vacation leave*, €2054.37 għal *overtime*, u €415.44 bħala ħlas ta' festi pubbliċi, kif ukoll naqsu li jħallsuh €1500 bħala d-differenza tal-kumplament tal-kuntratt; b'kollox €5,333.52. Fil-mori tal-proċeduri fl-ewwel istanza Saliba tħallas is-somma ta' €1779.15 in linea ta' *vacation leave*, *weekly allowance*, bonus, festi pubbliċi u pagi li ma kienux qiegħdin jiġu kontestati (ara l-verbal tad-difiża tad-9 ta' Lulju, 2013 (fol. 52) quddiem l-ewwel qorti kif ukoll l-ittra tal-konsulent legali tal-imputati u l-kopja taċ-cheque lil Saliba a fol. 131 u *tergo* tal-proċess). B'hekk l-ammont bilanċjali allegatament dovut lil Saliba hu ta' €3,554.37. Dan ifisser li Saliba ma tħallasx tal-*overtime* pretiż u anqas l-ammont pretiż bħala d-differenza tal-kumplament tal-kuntratt.

**6.** L-aggravju tal-appellanti huwa unikament, kif jgħid l-istess appellant, ta' natura fattwali fis-sens li l-kalkoli magħmula minn Christian Saliba u mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-impieg humagħal kollox żbaljati u kellu jiġi dikjarat li ma kien hemm ebda ammont dovut mill-appellanti lil Christian Saliba.

**Ikkunsidrat:**

**7.** L-aggravju tal-appellant jirrigwarda esklużivament l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti u dwar din ix-xorta ta' aggravju l-ġurisprudenza ta' din il-Qorti hija ben stabbilita fis-sens din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi dak l-apprezzament fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**8.** Christian Saliba xehed li matul l-impieg l-impjegati, huwa nkluż, ma kienux jingħataw il-*payslip* jew it-*timesheet* jew kopja tagħhom u dan fuq struzzjonijiet tal-imputata Charmaine Vella. Għalhekk la huwa u anqas l-impjegati l-oħra ma kien ikollhom ċans jiċċekkjaw is-sigħat li suppost ħadmu kienux korretti. L-impjegati kienu kostretti jżommu r-*records* huma. Huwa xehed ukoll li tal-*overtime* qatt ma tħallas u għalkemm kien ilmenta mal-imputati dawn kienu dejjem iwegħduh li ser jirranġġaw il-kuntratt li ma kienx sew iżda qatt ma għamlu xejn. Huwa esibixxa żewġ prospetti Dok. CS2 u CS3 bil-konteġġi tiegħu bid-dettalji tas-siegħat xogħol li ħadem, l-*overtime*u tal-pretensjonijiet l-oħra tiegħu. Dawn il-konteġġi ġew verifikati mill-*Labour Office*li kiteb lill-Lukanda dwar l-ammonti dovuti.

**9.** Catherine Cauchi, li kienet impjegata wkoll mal-istess lukanda, kkonfermat li hija u l-impjegati l-oħra ma kienux jingħataw *payslips* u Christian Saliba kien jgħidilha li ma kellux l-awtorita' "minn fuq" biex jagħtihielhom bħala fotokopja.

**10.** Salvatore Buoncuore, li kien impjegat bħala kok, ukoll ikkonferma li l-impjegati la kienu jirċievu *payslips* u anqas *timesheets* u li għalhekk kull impjegat kien iżomm ir-*records* tiegħu.Ikkonferma wkoll li l-paga li kien jitħallas ma kienetx tinbidel anki meta ħadem siegħat ta' xogħol aktar milli messu.

**11.** Marie Josette Mercieca kienet impjegata oriġinarjament bħala terapista u eventwalment bħala *operations manager* u din ukoll ikkonfermat li l-impjegati ma kienux jirċievu *payslips*.

**12.** Anthony Zammit tal-Labour Office xehed li kien huwa li ħadem il-konteġġi ta' dak li kien dovut lil Christian Saliba (Dok. AZ1) skont il-wage regulation order applikabbli u a bażi tal-informazzjon li pprovdielu l-istess Saliba. Huwa kkonferma l-konteġġi li għamel.

**13.** Xehed ukoll Dottor Renzo Pace Axiaq li stqarr li fil-konteġġi li għamel il-Labour Office kien hemm żewġ żbalji konsistenti filli l-kuntratt ta' Saliba kien jipprovdi għal paga ta' €1000 netti fix-xahar u mhux kull erba' ġimgħat u li din kienet għal minimu ta' 45 siegħa fil-ġimgħa. Semma wkoll dak li deherlu kienu żbalji oħra fil-konteġġi tad-dipartiment bil-konsegwenza li skont hu Saliba ma kien għad jonqsu jieħu xejn u li anzi kien Saliba li kellu jirrifondi ammont li tħallas żejjed. Huwa saħaq ukoll li kien Saliba li telaq mix-xogħol u li għalhekk kellu jagħti lura tlett ġimgħat tan-notice period.

**14.** B'verbal tad-difiża tad-9 ta' Lulju 2013 (fol 52) ġie dikjarat li Christian Saliba kien ser jitħallas l-ammonti pretiżi ħlief dawk pretiżi bħala *overtime* u bħala *notice money* li kienu l-uniċi ammonti li kienu qiegħdin jiġu kontestati.

**15.** Mill-provi rriżulta wkoll li lejn tmiem l-impieg tiegħu Christian Saliba u l-impjegati l-oħra kienu ġew mwegħda li kienu ser jirċievu kuntratti ġodda li kellhom jiġu ffirmati. Meta huwa talab li jiġi preċiżat x'ser jiġri minnu peress li kien l-uniku li kien bil-kuntratt u wieħed mill-ftit bil-ktieb tax-xogħol ingħatatlu risposta li ma kienx speċjali u li hu wkoll kellu jiffirma l-kuntratt it-Tnejn ta' wara altrimenti l-kuntratt tiegħu jispiċċa u jekk it-Tnejn ma jiffirmax seta' ma jmurx ix-xogħol iżjed. It-Tnejn il-

kuntratt ma wasalx u meta l-kuntratt baqa' ma wasalx għal perjodu ta' tlett ġimgħat kellem lill-imputata Charmaine Vella li qaltlu jara l-affarijiet tiegħu waqt li Dottor Renzo Pace Axiaq qallu jieħu parir legali u konsegwentement huwa mar il-Labour Office u minn hemm l-affarijiet ħadu l-kors tagħhom. Ma jirriżultax li, qabel ma ttieħdu l-proċeduri odjerni, kien hemm xi reazzjoni da parti tal-imputati għall-ittra tad-Dipartiment Dok AZ1 li fiha ġew dettaljati l-ammonti li kien għad kellu jieħu Christian Saliba.

**16.** Għaldaqstant, din il-Qorti ma ssibx raġunijiet biżżejjed sabiex tiddisturba l-apprezzament u l-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti tenut kont li dawn ma jistgħux jiġu ritenuti irraġionevoli fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali.

Għall-motivi premessi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li t-terminu ta' xahar prefiss mill-ewwel Qorti għandu jibda jiddekorri mil-llum.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur